MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Numru 228/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Lawrence Galea, iben Carmelo, imwieled il-Birgu fit-18 ta' awissu, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' marzu, 2007 għal ħabta tas-1.30 p.m. ġewwa Triq Alexander, Ħamrun, ikkometta ħsara volontarja fuq 'alarm' tal-għamla 'Alberta' għad-dannu ta' Maria Carmela Aquilina mill-Ħamrun (liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda ma teċċediex il-Lm100).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u obbliga ruħu li se jħallas id-danni fl-ammont ta' Lm53.10.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta l-familja Aquilina għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------